MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 497/2000/1

**Silvano Saliba**

**Vs**

**John u Rita konjugi Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkun kkundannati li jikkonsenjaw lill-attur ‘Wok’ tat-tisjir li legalment jispetta lilu skond ftehim ragunt mal-impjegati tal-konvenuti, liema ‘wok’ tat-tisjir kellu lilu jinghata minhabba l-fatt illi fix-xahar ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin (1999) huwa kkonkluda l-akbar numru ta’ sales ta’ kits jew alternattivament li l-konvenuti jhallsuh il-prezz tal-istess ‘wok’ tat-tisjir li huwa fis-somma ta’ mija u tmenin lira Maltin (Lm180), kif ukoll illi jirrifondi lilu s-somma ta’ mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) prezz ta’ merkanzija tal-isem ‘Easy Bread’, lill-konvenuti irritornat u inoltre dan li il-konvenuti jhallsu lill-attur il-commission fl-ammont ta’

mitejn u tlieta u sebghin lira u disgha u ghoxrin centezmi (Lm273.29c0) ghax-xhur ta’ Novembru u Dicembru tas-sena elf disa’ mija u disgha u disghin u ta’ Jannar u Frar tas-sena elfejn (2000) u dana oltre l-commission li talvolta tirrizulta li hija dovut ulterjorament waqt is-smiegh ta’ dan l-avviz u dana wara li jigi dikjarat illi l-konvenuti responsabbli skond il-ligi.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-erba (4) ta’ Frar 2000 u dik bonarja tal-ghoxrin (20) ta’ Dicembru 1999. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Ghal kull buon fini qieghed jigi dikjarat illi l-ammont dovut ma jeccedix il-kompetenza ta’ din il-Qorti. Rat dak verbalizat a fol 8 tal-atti waqt is-seduta tat-12 ta’ Gunju 2000 minn fejn jirrisulta li l-attur irtira it-tielet (3) talba li tirreferi ghal kummissjoni talvolta dovuta ulterjorment.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 16 tal-istess atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Preliminarjament, li din il-Qorti m’hijiex il-Qorti kompetenti ‘ratione materiae’ a bazi tal-Artikolu 747 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju, l-irritwalita’ u n-nullita ta’ l-azzoni stante l-fatt tali talba kellha tigi intavolta b’mod kompletament differenti minn dik maghmula fl-avviz indikat;
3. Illi l-eccipjenti f’isimhom propju m’humiex il-legittimi kuntradditturi fil-kaz in ezami, li stante li l-attur kien impjegat ma’ International Sales Direct;
4. Illi fil-mertu, l-ewwel talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li assolutament mhuwiex minnu li l-attur kellu l-akbar ammont ta’ bejgh fix-xahar ta’ Mejju tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (1999), a kuntrarju ta’ dak indikat fl-avviz hawn fuq imsemmi;
5. Illi fir-rigward tat-tieni talba ta’ l-attur, filwaqt li l-konvenuti ghamlu ammissjoni fis-sens illi ghandu jsir refuzjoni tal-prezz tal-merkazinja tal-isem ‘Easy Bread’, dan fill-fatt m’ghandux jinghata fl-intier tieghu peress illi l-attur ikkaguna ammont ta’ danni fl-imsemmija merkanzija.

F’dan ir-rigward l-eccepjenti qeghdin iressqu id-debita kontro-talba;

6. Illi fit-tielet lok, l-ammont kif dedott fl-avviz rapprezentanti ‘commission’ ghax-xhur ta’ Novembru u Dicembru tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) u ta’ Jannar u Frar tas-sena elfejn (2000), huwa eccessiv.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-Kontro-talba tal-istess konvenuti (fol 17 tal-istess atti) u li biha wara li ppremettew:-

Peress illi jezistu c-cirkostanti kontemplati fl-Art, 396 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-konvenuti qed jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni attrici in via rikonvenzjonali kif gej:

Premess illi l-attur rikonvenzjonat kien impjegat mal-konvenut rikonvenzjonat bhala ‘sales man’ biex ibiegh il-prodotti importati mill-attur;

Premess illi l-attur rikonvenzjonant kellu fil-pussess tieghu il-merkanzija ta’ l-isem ‘Easy Bread’ sabiex dan ikun jista’ juzah biex jaghmel id-dimostrazzjonijiet necessarji waqt ix-xoghol tieghu;

Peress illi l-attur rikonvenzjonat hallas lill-konvenut rikonvenzjonat is-somma ta’ mija u hmistax-il lira Maltin, rappresentanti l-valur tal-merkanzija immsemija, liema prezz kellu jigi rifondat lilu malli jirritorna l-imsemmija merkanzija’

Premess illi meta tali merkanzija giet ritornata, din kienet miksura u partijiet minnha kellhom jinbidlu u jissewwew;

Premess illi, in oltre, l-attur rikonvenzjonat ghad ghandu fil-pussess tieghu merkanzia ohra proprjeta’ tal-konvenuti.

Premess illi l-konvenuti sofrew danni b’dan l-agir tal-attur rikonvenzjonat;

Jghid ghalhekk, l-attur rikonvezjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex fi zmien qasir u perentorju, illi jigi lilu prefiss minn dina l-istess Onorabbli Qorti, jirritorna l-merkanzija kollha propjeta' tal-konvenuti li ghandha fil-pussess tieghu;
2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut sofra danni minhabba l-agir u traskuragni tal-attur rikonvenzjonat;
3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti danni minhabba l-agir u traskuragni tal-attur rikonvenzjonat;
4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjnat sabiex ihallas lill-konvenut dawk id-danni kollha, kif likwidati minn dina l-istess Onorabbli Qorti, ai termini tad-domanda precedenti u bl-imghaxijiet legali sa l-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat Silvano Saliba ghal Kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti.

Bil-qima jeccepixxi:

1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari, l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 747 tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu t-talbiet rikonvenzjonanti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur rikonvenzjonat (a) la ghandu fil-pussess tieghu merkanzija tal-konvenuti rikonvenzjonanti, u (b) di piu huwa ma kkaguna ebda danni lill-konvenuti rikonvenzjonanti u lanqas ma kien traskurat u/jew negligenti, ghal kuntrarju huwa dejjem agixxa b'diligenza skond il-Ligi u ghaldaqstant it-talbiet rikonvenzjonanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kollha kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, limitatament ghat-talba ghad-danni, biex tali talba tirnexxi, l-konvenut rikonvenzjonati mhux biss huma tenuti jippruvaw materjalment li huma soffrew danni izda jridu jippruvaw ukoll in-ness (*nexus*) bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u l-attur rikon*venzjonat.*
4. Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat is-sentenza preliminari (fol 24 et seq ibid) li biha din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-konvenut dwar l-inkompetenza 'ratione materiae' a bazi tal-artikolu 747 hemm fuq imsemmi.

Rat dak verbalizzat a fol 32 ibid, waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011, minn fejn jirrizulta li 'B'referenza ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, il-partijiet qed jaqblu li, minn issa, jistghu jigu prodotti l-provi dwar il-mertu tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjament in-noti rispettivament tal-partijiet a fol 102 u fol 110 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-avviz u kontro talba in esami kif wkoll ghall-eccezzjonijiet rispettivi tal-partijiet involuti f'dan il-kaz, gew prodotti s-segwenti provi:-

L-attur.

a) L-istess attur (fol 33 et seq ibid) spjega li hu kien impjegat mal-konvenuti, esercenti l-kummerc taht l-isem 'International Sales Direct' u l-hlas relattiv lilu kien jigi kalkolat bhala 'commission', biss minghajr ma kellu xi paga. Dan il-ftehim kien wiehed verbali biss minghajr ma saret xi skrittura. Dwar il-kaz, in desamina, matul Mejju 1999, kien sar konkors biex is-'salesmen' kollha '… in konnessjoni mal-oggett in kwistjoni msemmi fl-avviz' u dan kien intrebah minn 'Min kien ikollu l-akbar ammont ta' 'sales' u mhux 'deposits' ….'. L-attur jsostni illi matul l-istess xahar hu kellu l-akbar ammont ta' bejgh

ammontanti , bhala valur, ghal Lm3377. Pero soggetti ghal konkors kien hemm l-oggetti li hu jsemmi fl-ewwel 1) paragrafu tax-xhieda tieghu a fol 34 ibid. In sostenn ta' dan li xehed , hu esebixxa ghaxar (10) dokumenti 'in fotokopja' u li jinsabu a fol 39 sa fol 55 tal-istess atti konsistenti kull wiehed minnhom, fi ftehim ossija ordnijiet bejnu u terzi persuni, li xtraw l-oggetti hemm specifikati, bid-depositu imhallas minn kull klijent kif ukoll ircevuti (ara 'infra') relattivi. Dwar l-istess konkors kien hemm 'chart' li seta' jarah kullhadd u li fuqu skrivana kienet tnizzel l-ammont ta' 'sales' ta' kull 'salesman'.

Skond l-attur kien jidher li fuq dan ic-'chart' u ghal perjodu in esami hu kien spicca l-ewwel, segwit minn Mario Ellul u difatti, f'laqgha li saret fl-ahhar ta' Mejju, l-konvenuta kienet iddikjarat li l-oggett in kwistjoni kien intrebah minnu u li kien ser jinghata lilu fil-Milied. Izda gara li l-premju kien inghata lil imsemmi Mario Ellul. Meta hu kien tkellem dwar dak li gara mal-konvenut hi kienet qaltlu '.. sabiex jiena niftiehem ma' kuginti Raphaela Attard'. Inoltre u b'referenza ghall-ircevuti esebiti minnu u gja msemmija dawn kienu rilaxxjati minnu dwar oggietti nbieghu minnu u li kienu gew konsenjati lill-klijenti. Dwar dawn l-ordnjiiet hu ma kienx thallas il-'commission' dovuta lilu, a bazi ta' 20% fuq il-prezz ta' kull oggett mibjugh u konsenjat u ammontanti b'kollox ghal Lm273.29. Dwar l-oggett b-isem ta' 'Easybread' dan kif filfatt inxtara minnu u kien qed jhallas il-prezz b'rati ta' Lm25 fix-xahar u difatti kien lahaq hallas Lm115 mill-prezz izda, in rigward l-istess oggett li kien 'second hand', hu kien gie mitlub li jaghtih lura kif filfatt ghamel minghajr ma kien ha refusjoni tal-ammont gja mhallas (ara l-<u>ircevuta</u> relattiva a fol 54 ibid). Dwar l-istess oggett, hu kien jiehu lura tieghu pero meta irritornah kien hemm zewg ghafsiet fuqu izda kien jiffunzjona.

<u>In kontroezami</u>, hu kien l-ewwel xehed 'Bil-gurament tieghu niddikarja li hadd minn nies li ghamlu l-ordnijiet matul dak ix-xahar ma kienu jigu minnu jew kienu hbieb tieghu'. Wara hu qal li 'In rigward dan nghid li ma jidhirlix' u, fl-ahhar nett, jidher li ftakar illi 'hemm wahda fost in-nies li, ghamlu l-ordnijet, li tigi l-mara ta' hija, Romina Saliba'

liema ordni kienet giet kancellata wara li kienet hallset Lm10 biss depositu fuq ordni li kienet tiswa Lm380.

b) Andrew Refalo (fol 62 u fol 63 ibid) xehed illi , fil-konkors in kwistjoni, bejn l-attur u 'salesman' iehor kien hemm 'differenza biss ta' xi ftit flus' anzi '… kien ras imb'ras (skond ma qallu l-attur) ma haddiehor'. Ix-xhud qal ukoll illi konkors kien jigi konsiderat mhux l-ammont ta' depositu mhallas izda l-valur tal-prodotti mibjughin u li kien hemm ordni wahda li kienet saret mal-attur minn mart ta' hu l-istess attur li giet kancellata wara li kien thallas biss l-ammont ta' Lm10 bhala depositu.

In kontroezami, ix-xhud qal li l-attur kien qallu illi '… xtaq jaghmel xi haga biex jiehu l-premju'.

c) L-imsemmi Mario Ellul (fol 65 et seq ibid) li lilu kien gie assenjat l-oggett in esami xehed illi l-attur ma kienx jaghmilha ta' 'salesman' wahdu' izda '… kien hemm xi hadd iehor mieghu' ossija '.. Raffaella, kugina tal-istess attur' u, skond l-istess xhud, '… l-kuntratti ta' Raffaella u tal-attur kienu qed jsiru fuq isem l-attur', informazzjoni nghatat lix-xhud mill-istess 'Raffaella' (ara 'infra').

d) Marita Saliba (ara fol 88 ibid) oht l-attur, giet prodotta sabiex tixhed u qalet illi matul Gunju tal-2003, hi kienet rat lir-Raffaella Attard msemmija fil-post imsemmi fiha waqt fiera fi 'stand' li jidher li kien allestit mill-konvenuti.

## Il-konvenuti

a) L-istess konvenuta (fol 68, fol 79, u fol 93 et seq ibid) sostniet fix-xhieda taghha, specifikat illi, meta jispicca l-perjodu tal-konkors, kien ikun hemm stennija ta' madwar sitt xhur '.. sabiex naraw illi s-sales' li jkunu dikjarati minn kull 'salesman', gew effetivament effettwati'. Dwar l-attur, dan kien jagixxi bhala 'salesman' izda' … kien qed jahdem flimkien ma' kugintu Raphaella Attard li kienet ukoll 'salesgirl' maghna', li pero' ma kienetx taf bil-konkors ghar-raguni indikata fl-istess xhieda. In rigward l-istess konkors kien minnu illi kien giet indikat lill-attur li, hu kien ghamel '… l-aktar' bhala bejgh segwit minn Mario Ellul li

kien biegh '… Lm89 bhala prodotti anqas'. Hawnhekk l-istess Ellul kien informaha illi l-attur u Raffaella Attard, kienu jahdmu flimkien u li s-'sales' li jaghmlu flimkien … kien qed idahhalhom (l-attur) fuq ismu'. Inoltre kienet giet infurmata illi l-attur '… kien dahhal u ddikjara xi kuntratti li kienu finti' u difatti fl-ahhar ta' Mejju l-attur kien dahhal '..aktar kuntratti mix-xahar kollu'. Hawnhekk saret referenza ghall-istess ftehim gja msemmi ma Romina Saliba, mart hu l-attur liema ftehim kien gie kancellat wara, il-hlas ta' depositu ta' Lm10 izda b'valur ta' Lm380 (ara fol 73 ibid). In rigward l-istess xahar ta' Mejju, l-attur kellu, b'kollox, mibjughin b'valur ta' Lm2652 waqt li ta' Mario Ellul kellhom valur ta' Lm2652. Pero in rigward dan tal-ahhar il-kuntratti kollha kienu gew rispettati, minghajr kancellamenti izda l-valur ta' dawk tal-attur nizzlu ghal Lm2272, wara l-kancellament ta' dak ta' Romina Saliba. Minhabba hekk, l-oggett in esami nghata lill-istess Mario Ellul.

In rigward '<u>commissions</u>', ix-xhud spjega illi l-konvenuti qatt ma irrifjutaw illi jhallsu lill-attur dak dovut lilu izda dan kien ppretenda l-oggett in kwistjoni izda dan ma nghatax lilu. Inoltre, l-attur kien spicca mill-impjeg tieghu u ghalhekk ma setax jsegwi l-klijenti '.. sabiex jara li kollox ghaddej sew' u f'dan il-kaz, l-attur kien intitolat ghal 'commission' ta' 15% u mhux 20% peress li d-differenza kienet tinghata lill-persuna l-ohra li kienet effettivament issegwi l-kuntratti maghmulin mill-attur (ara l-'statement' a fol 81 ibid). In rigward l-'easy bread' il-konvenuta spjegat li dan kien <u>kampjun</u> moghti lil kull 'salesman' sabiex jintwera lill-klijenti. Dan, meta ingieb lura kien kollu daqqiet u ntefqu Lm40 sabiex jigi rrangat. Inoltre l-attur kellu xi prodotti ohra li ma gewx ritornati minnu kif hemm elenkati a fol 81 ibid kif ghamel bil-ktieb tal-kuntratti. Hu ukoll spjegat x'kienet ir-raguni il-ghala Raffaella Attard kienet giet notata minn Marita Saliba (fol 88 ibid) waqt li l-istess Raffaella Attard kienet qed tahdem fi 'stand' tad-ditta appartenenti lill-konvenuti (ara ukoll ix-xhieda tal-<u>konvenut</u> a fol 74 u fol 75 ibid).

b) Di gja ssemmiet diversi drabi <u>Raffaella Attard</u> il-kugina tal-attur u din meta xehdet (fol 83 et seq ibid),

kkonfermat li hi u l-attur kienu jahdmu flimkien izda’ bhala xoghol kullhadd jaghmel tieghu’ waqt li ‘… naqsmu nofs kull wiehed …’ ghal hawn Malta’. In rigward il-konkors li dwaru ma kienet taf xejn hi kienet zgura li kien hemm tlett klijenti taghha’ … li l-attur nizzilhom bhala xoghol tieghu’ waqt li qalet ukoll li dawn kienu ffirmaw il-ftehim partikolari mal-attur. Dwar prodotti uzati sabiex jintwerew lill-klijenti, hi wkoll qalet li kull ‘sales representative’ kien jixtrih.

Ikkunsidrat

Illi, l-ewwel nett, ser tigi konsiderata l-ewwel (1) talba tal-attur li tirreferi ghall-pretensjoni tal-istess attur in konnessjoni mal-premju ghall-konkors imsemmi u li, skond dejjem l-istess attur, intrebah minnu. Dwar dan il-premju, jigi rilevat illi dan kellu jintrebah minn min, matul Mejju tal-1999, kien jirregistra l-akbar ammont ta’ bejgh ta’ prodotti bhala valur . Dwar l-istess konkors, jidher li ma tantx kien soggett ghal xi regoli ohra. Pero fil-fehma tal-Qorti, kull participant kellu jiehu parti u jagixxi bi trasparenza u ‘buona fede’ fil-konfront tal-partecipanti ohrajn. Fil-kaz in desamina kien jidher illi ‘prima facie’ permezz ta’ chart’ imsemmija illi l-attur u Mario Ellul kien press’a poco ras-imb-rass sakemm l-attur mar fil-vantagg u baqa hemm sal-ahhar tax-xahar. Dwar dan, pero’, il-Qorti tinsab konvinta illi l-attur eskogita pjan sabiex jidher li hu kien rebah il-konkors. Dan il-pjan kien jikkonsisti fil-bejgh ta’ prodott lill-persuna msemmija u imparentata mieghu. Din tal-ahhar kienet ghamlet ordni li kienet tinvolvi l-hlas ta’ depositu baxx hafna, liema depositu ma kienx involut fir-rebh o meno tal-istess konkors. Minhabba din l-ordni u l-valur totali taghha, l-attur kif di gja ntqal kien jidher li rebah l-istess konkors. Izda l-Qorti tghid illi l-konvenuti kellhom ragun illi ma jassenjaw il-premju lill-attur. Konsegwentement it-talba in esami ghandha tigi michuda.

Ikkunsdirat

Illi dwar dak li talab l-attur in konnessjoni ma’ ‘commissions’, il-konvenuti stess ammettew illi l-attur ghandu jithallas ‘commissions’ izda sostnew illi l-ammont

dovut kien anqas minn dak mitlub fl-avviz in esami. Il-konvenuti, fix-xhieda taghhom, specjalment f'dik tal-konvenuta pprovaw juru illi l-ammont dovut kien anqas minn dak mitlub fl-avviz in esami. Il-konvenuti, fix-xhieda taghhom, specjalment f'dik tal-konvenuti pprovaw juru illi l-ammont dovut kien anqas minn dak mitlub peress li skond huma, hu kien intotolat ghal persentagg ta' 15% u mhux 20%. Pero, fuq dan il-punt , il-Qorti tara li l-konvenuti ma irnexxilhomx jipprovaw it-tezi taghhom waqt li da parti tal-attur, skond kif jidher mill-prospett esebit minnu a fol 90 ibid spjega illi l-prodotti involuti u mibjugha minnu kienu jintitolaw ghal 'commission' ta' 20% hlief in rigward prodotti mibjughin lil zewg persuni partikolari u li ghalihom kien ghal persentagg ta' 15%. Jigi notat ukoll illi l-attur fl-imsemmi prospett jispecifika li l-ammont dovut lilu kien Lm263.44 ossija ftit anqas minn dak mitlub.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-prodott ndikat bhala 'easy bread' jidher li hemm qbil illi dan, li kien jintuza f'demostrazzjonijiet lill-klijenti, kien jigi akkwistat, bi prezz anqas minn dak normali minn kull 'salesman'. F'dan il-kaz, l-attur kien, filfatt, akkwistah bil-prezz ta' Lm115 izda meta gie terminat l-impjieg tieghu hu gie mitlub li jirritornah kif fil-fatt ghamel izda b'xi daqqiet fuqu li jidher li ghandhom jigu konsiderati bhala 'fair wear and tear'. Min dan jidher li din it-talba ghandha tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi jrid isir accenn ghal dak eccepit mill-konvenuti. Ta' min jirrepeti illi l-eccezzjoni ta' inkompetenza kif propsota di gja giet deciza. Dwar l-irritwalita tal-avviz, ma ingieb xejn a konjizzjoni tal-istess Qorti sabiex din l-eccezzjoni tkun gustifikata. Dwar dik tal-legittimu kontradittur jidher car, mil-provi illi l-konvenuti kienu qed jhallsu lill-attur mhux f'isem xi socjeta kummerjcali aventi l-personalita guridika taghha izda huma stess personalment.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kontro talba ma ingiebet ebda prova sodisfacjenti u ta' minn jorbot fuqha illi l-attur zamm ghandu xi prodotti appartenenti lill-konvenuti u li nghataw lill-attur bl-obbligu li jigu ritornati lill-istess konvenuti. Inoltre ma jidhirx li l-konvenuti sofrew xi danni kif hemm premess fl-stess kontrotalba.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti:-

a) tichad it-talbiet kollha tal-konvenuti kif dedotti mill-istess kontro talba.
b) Filwaqt li tichad l-ewwel (1) talba tal-attur in konnessjoni mal-imsemmi 'wok', tilqa' it-talbiet rimanenti tal-istess attur, skond kif ridotta it-tielet (3) talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma globali ta' Lm378.44 ossija €881.53 bl-imghax legali mill-erba (4) ta' Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes tal-kontro talba, dawn ghandhom jithallsu mill-konvenuti waqt li dak tal-avviz in esami kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar 2000 u ta' dik bonarja tal-20 ta' Dicembru 1999, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------